**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2018 – Next design+produktion vs EUIPO – Nanu-Nana Joachim Hoepp (nuuna)**

**(Kawża T-533/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva nuuna — Trade marks tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti NANU u NANU-NANA — Raġuni relattiva għal rifjut — Evalwazzjoni tal-probabbiltà a' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Kumplimentarjetà tal-prodotti — Prinċipji ta' awtonomija u ta' indipendenza tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji ta' legalità u ta' amministrazzjoni tajba — Ċertezza legali")***

(2018/C 436/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Next design+produktion GmbH (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Hirsch, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Hanne u D. Walicka, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Nanu-Nana Joachim Hoepp GmbH & Co. KG (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Boddien, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Mejju 2017 (Każ R 1448/2016-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nanu-Nana Joachim Hoepp u Next design+produktion.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Next design+produktion GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 330, 2.10.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2018 – VF International vs EUIPO – Virmani (ANOKHI)**

**(Kawża T-548/17)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' Oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva ANOKHI — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti kipling — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti li tirrappreżenta s-siluwett ta' xadina — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikoli 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b)tar-Regolament (UE) 2017/2001) — Ħsara lir-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001)")***

(2018/C 436/65)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* VF International Sagl (Stabio, l-Isvizzera) (rappreżentant: T. van Innis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: P. Sipos, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO:* Ken Virmani (München, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Mejju 2017 (Każ R 2307/2015-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn VF International u K. Virmani.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-26 ta' Mejju 2017 (Każ R 2307/2015-4) hija annullata.*

2) *L-EUIPO għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti minn VF International Sagl.*

(1) ĠU C 347, 16.10.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2018 – Asics vs EUIPO – Van Lieshout Textielagenturen (Rappreżentazzjoni ta' erba' linji msallba)**

**(Kawża T-581/17)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta erba' linji msallba — Obbligu ta' motivazzjoni — Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta elissi — Motivi relattivi għal rifjut — Artikolu 75 u Artikolu 76(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li saru l-Artikolu 94 u l-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001] — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001) — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001)")***

(2018/C 436/66)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Asics Corporation (Kobe, il-Ġappun) (rappreżentanti: M. Polo Carreño u M. H. Granado Carpenter, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Van Lieshout Textielagenturen BV (Haaren, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: P. Claassen u B. Woltering, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tas-27 ta' Ġunju 2017 (Każ R 2129/2016–4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Asics Corporation u Van Lieshout Textielagenturen.

**Dispożittiv**

1) *ir-rikors huwa miċħud.*